## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR ITALO MIZZI) V. LEE FORMOSA (KI. 13104L)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**1 ta' April 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjoni maħruġa kontra Lee Formosa ta' 21 sena, iben Duncan u Catherine nee' Falzon, imwieled Pietà fis-6 ta' Jannar 2004 residenti 7, Flat 1, Triq Isouard, Il-Marsa Malta, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 13104L (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2025 mixli illi fit-30 ta' Jannar 2025, bejn 00:00HRS u 02:00HRS ta' filgħodu ġewwa San Pawl il-Baħar u/jew fil-Gżejjer Maltin:

1. **Saq il-vettura ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ-751 mingħajr ma kellu liċenzja neċessarja tas-sewqan u kif ukoll saq vettura waqt illi kellu l-liċenzja skwalifikata (Artikoli 15(1)(a), 59 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta);**

2. **Saq il-vettura ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ-751 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni (Art.3(1) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta);**

3. **Naqas milli jħares xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġistrat Dr. G. Camilleri Busuttil LL.D. fid-digriet mogħti nhar is-26 ta' Ġunju 2023, li permezz tiegħu l-istess Lee Formosa kien ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet (Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

4. **Naqas milli jħares xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġistrat Dr Caroline Farrugia Frendo LL.D fid-digriet mogħti nhar it-08 ta`Diċembru 2024 , li permezz tieghu l-istess Lee Formosa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet (Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

5. **Għamel reat ieħor wara li kien diġà ġie kkundannat għal reat b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak, datati 16/07/2021, 18/08/2021 u 17/05/2022 rispettivament, kif ukoll kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo datata 20/12/2023 u kif ukoll kif preseduta mill-Maġistrat Dr.Jean Paul Grech datata 09/05/2024, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u b'hekk ġab ruħu reċidiv (Artikoli 49,50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);**

6. **Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu min PC 216 O. Zammit u PC 272 S. Farrugia uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkel jew indaħal lil imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta` dmirijiethom (Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta);**

7. **Saq il-vettura ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ-751 b'manjiera perikoluża (Art.15(1) (a) Kap.65 tal-Ligijiet ta` Malta);**

8. **Saq il-vettura ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ-751 b'manjiera bla kont (Art.15(1) (a) Kap.65 tal-Ligijiet ta` Malta);**

9. **B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, għarraq jew għamel xi ħsara fuq il-vettura tas-servizz (GVP-143) għad-dannu tal-Gvern ta`Malta u/jew il-korp tal-pulizija (Art.328(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta` Malta).**

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Lee Formosa u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Lee Formosa u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u inoltre sabiex id-depożitu kif ukoll il-garanzija personali jgħaddu favur il-gvern ta' Malta,

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2025, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsiha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġà wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet ix-xhieda,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Mill-provi esebiti jirriżulta illi kmieni filgħodu tal-Ħamis 30 ta' Jannar 2025 numru ta' uffiċjali tal-Pulizija mid-distrett ta' San Pawl il-Baħar li kienu bil-vettura tas-servizz avviċinaw il-vettura tal-għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ-751 li kienet qed tinstaq mill-imputat wara li nnutaw xi movimenti suspettużi. Minkejja ordni biex jieqaf, l-imputat saq 'l hemm b'veloċità qawwija u l-istess Pulizija segwew il-vettura għal xi ħin tul il-kosta ta' San Pawl il-Baħar. Sussegwentement din il-vettura baqgħet dieħla f'vettura oħra tal-Pulizija bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP-143, sakemm twaqqfet u l-Pulizija arrestaw lill-imputat u lill-passiġġier li kellu miegħu.

2. Mix-xhieda ta' PS 614 irriżulta illi b'kollox ġiet ikkawżata ħsara fl-ammont ta' € 8,335 lill-vettura tal-Pulizija imsemmija bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP-143.[1]

3. Mid-dokumenti esebiti u xhieda ta' Yesenia Maria Pace irriżultaw is-segwenti sentenzi li ġew deċiżi minn din il-Qorti fil-konfront tal-imputat, b'mod kronoloġiku:

    - **16/07/2021**[2]:
        - Sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan.
        - Multa ta' € 100 u skwalifika milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal 8 ijiem.
        - Sentenza mhux appellata u multa tħallset fit-30 ta' Settembru 2021[3]

[1] Fol 5
[2] Fol 50
[3] Fol 63-64

- **18/08/2021**[4]:
    - Sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan.
    - Multa ta' € 100 u skwalifika milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal 8 ijiem.
    - Sentenza mhux appellata u multa ġiet konvertita f'ħabs fit-13 ta' Awwissu 2022[5]

- **17/05/2022**[6]:
    - Sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan.
    - Ammenda ta' € 50 u skwalifika milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal 8 ijiem.
    - Sentenza mhux appellata u ammenda ġiet konvertita f'ħabs fl-14 ta' Lulju 2022[7] u tħallset fl-24 ta' Jannar 2023

- **20/12/2023**[8]:
    - Sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan.
    - Sewqan ta' vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.
    - Ksur ta' kundizzjonijiet tal-bail (digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26/06/2023 minn Maġ. Dr. G. Camilleri Busuttil)
    - Reċidivita'
    - Multa ta' € 3,500 u skwalifika milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal 12-il xahar.
    - Konfiska ta' € 1,000 mill-ammont depożitati in konnessjoni mal-bail tas-26/06/2023.
    - Sentenza mhux appellata iżda l-ebda informazzjoni dwar jekk multa tħallsitx.

- **09/05/2024**[9]:
    - Sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan.

[4] Fol 51-52
[5] Fol 65
[6] Fol 47-49
[7] Fol 67-68
[8] Fol 53-54
[9] Fol 44-46

- Sewqan ta' vettura b'manjiera perikoluża.
- Sewqan ta' vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.
- Ksur ta' kundizzjonijiet tal-bail (digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26/06/2023 minn Maġ. Dr. G. Camilleri Busuttil)
- Ġrieħi ta' natura ħafifa fuq terza persuna kkawżati b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti
- Hsara involuntarja fuq proprjeta' ta' terzi
- Reċidivita'
- Multa ta' € 6,000 u skwalifika milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal 12-il xahar b'effett mill-22 ta' Diċembru 2024.
- Konfiska ta' € 500 mill-ammont depożitati in konnessjoni mal-bail tas-26/06/2023.
- Ordni ta' kumpens ta' € 359.32 lil terza persuna
- Sentenza mhux appellata. Multa għadha pendenti ossia' ma tħallsitx[10]

4. Irriżulta ukoll illi fil-konfront tal-imputat hemm żewġ kawżi kriminali pendenti li matulhom:

- Ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest permezz ta' digriet maħruġ minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. G. Camilleri Busuttil LL.D fis-26 ta' Ġunju 2023 fejn *inter alia* kien hemm depożitu ta' € 3,000 u garanzija personali ta' € 6,000 kif ukoll obbligu ta' rinkażar bejn l-10pm u s-6am[11]

- Ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest permezz ta' digriet maħruġ minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D fl-20 ta' Diċembru 2023 fejn *inter alia* kien hemm depożitu ta' € 2,000 u garanzija personali ta' € 20,000[12]

5. Fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva filwaqt li ma hemmx dubju li l-imputat hu reċidiv għall-fini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9, jibqa' però biex jiġi verifikat il-periodu li

---

[10] Fol 69-70
[11] Fol 7
[12] Fol 6

fih ġew kommessi r-reati għall-fini tal-Artikolu 50 tal-istess Kap.9. Fil-ħames sentenzi esebiti, l-piena erogata kienet inqas minn ħames snin priġunerija u għalhekk biex ikun hemm ir-reċidiva għall-fini ta' dan l-artikolu jrid jirriżulta li r-reati mertu tal-kawża odjerna ġew kommessi fi żmien ħames (5) snin minn dakinhar li l-ħati jkun **skonta** l-piena jew minn meta l-piena tkun ġiet maħfura. Fis-sentenzi kollha l-piena inflitta kienet waħda pekunjarja, ossia' kundanna għall-ħlas ta' multa iżda mhux il-multi kollha ġew imħallsa jew konvertiti fi priġunerija stante nuqqas ta' ħlas. Jirriżulta illi l-multa imposta fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2021 tħallset fit-30 ta' Settembru 2021, dik imposta fis-sentenza tat-18 ta' Awwissu 2021 ġiet konvertita fi priġunerija fit-13 ta' Awwissu 2022, dik imposta fis-sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 ġiet konvertita f'ħabs fl-14 ta' Lulju 2022 u dik imposta fis-sentenza tad-9 ta' Mejju 2024 għadha pendenti. Ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar jekk il-multa imposta fis-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2023 tħallsitx jew le.

6. Għalhekk għall-fini tal-Artikolu 50 tal-istess Kap.9 il-Qorti tista' tapplika l-istess artikolu fir-rigward biss tas-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2021, tat-18 ta' Awwissu 2021 u tas-17 ta' Mejju 2022.

7. Dwar it-tielet u r-raba' akkużi l-Qorti tqis illi l-imputat kiser b'mod sfaċċat il-kundizzjonijiet relatati mal-ħelsien mill-arrest tiegħu meta mhux biss ikkommetta delitt ieħor ta' natura volontarja iżda inoltre, fir-rigward tal-tielet akkuża, kiser il-ħin tar-rinkażar tiegħu. L-imputat ftit li xejn jispira fiduċja illi ser ikun kapaċi joqgħod ma' dawn il-kundizzjonijiet fil-futur iżda fiċ-ċirkustanzi il-Qorti ser tagħżel illi ma tirrevokax id-digriet imsemmija għalkemm ser timponi piena karċerarja effettiva apparti li ser tordna l-konfiska ta' parti sostanzjali mill-ammonti depożitati.

8. Il-Qorti jidhrilha illi minkejja l-ammissjoni relattivament bikrija tiegħu l-imputat ma ħaqqu l-ebda klemenza minn din il-Qorti f'dak li għandu x'jaqsam piena għall-infrazzjonijiet kommessi minnu. Huwa bil-wisq ċar illi l-imputat m'għandu l-ebda rispett lejn is-sistema ġudizzjarja, lejn l-Awtoritajiet u lejn il-liġi fosthom ir-regolamenti tat-traffiku tant illi b'mod ripetut kiser kundizzjonijiet relatati mal-ħelsien mill-arrest tiegħu inkluż billi kien qiegħed barra f'ħin li suppost kellu jkun ġewwa d-dar tiegħu, ippersista bl-aġir tiegħu li jsuq mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr polza tal-assigurazzjoni, saq b'mod perikoluż, ikkawża ħsarat sostanzjali fuq vettura tal-Pulizija u injora l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva li kienu fil-qadi ta' dmirijiethom.

9. Għalhekk fil-fehma konsiderata tagħha l-Qorti tħoss illi piena karċerarja effettiva li tqarreb lejn il-minimu taf isservi ta' tagħlima lill-imputat sabiex jikkunsidra jaqleb il-folja, apparti li toħloq bilanċ ġust bejn l-interessi tiegħu u l-interess tas-soċjetà li tkun protetta minn individwi illi ma juru l-ebda rispett lejn l-awtorità u lejn l-ordni soċjali.

10. Għall-finijiet tal-piena l-Qorti m'hijiex ser titratta mal-ħati taħt l-Art. 50 tal-Kap. 9 u għalhekk mhijiex ser tapplika żieda fil-piena bi grad. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, stante illi din hija t-tielet darba li l-imputat ġie misjub ħati ta' sewqan mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, japplika l-Art. 3(2)(c) tal-Kap. 104 illi apparti li jipprovdi għal multa ta' bejn €5,823.43 u €6,988.12 u/jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, inoltre jagħmilha tassattiva fuq il-Qorti sabiex:

    i. **meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta' vettura bil-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil-mutur jew minn impjegat ta', jew minn membru tal-familja ta' u li jkun jgħix ma', sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skont ma għandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur;**

    ii. **meta r-reat, kif imsemmi, jitwettaq minn xi ħaddieħor, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, twaħħal multa oħra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur**

    Mix-xhieda ta' Stephen Cachia (in rappreżentanza ta' Transport Malta) rriżulta illi l-vettura in kwistjoni hija proprjeta' ta' eCabs Company Limited. Bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża l-valur ta' din il-vettura huwa dak ta' ħamest elef euro (€ 5,000).

**<u>Deċiżjoni</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet u wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 fir-rigward ta' sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u sewqan b'mod perikoluż li fih huwa assorbit ir-reat ta' sewqan b'manjiera bla kont, Art. 59 tal-Kap. 65, Art. 3(1) u 3(2)(c) tal-Kap. 104, Art. 49, 50, 328(d), 338(ee), 579(2) u (3) tal-Kap. 9) il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih fuq ammissjoni tiegħu stess u tikkundannah jiskonta piena karċerarja ta' sitt (6) xhur li minnhom naturalment irid jitnaqqas il-perjodu li għamel taħt**

**arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawża, flimkien ma' multa ta' ħdax-il elf euro (€ 11,000).**

**Il-Qorti qed tordna ukoll li jiġu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta l-ammont ta' elf u ħames mitt euro (€ 1,500) u ħames mitt euro (€ 500) depożitati rispettivament bħala parti mill-garanzija imposta permezz tad-digrieti ta' din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. G. Camilleri Busuttil LL.D fis-26 ta' Ġunju 2023 u mill- Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D fl-20 ta' Diċembru 2023.**

**Inoltre il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 billi tordna lill-ħati jħallas lill-Gvern ta' Malta l-ammont ta' tmient elef tlett mija ħamsa u tletin euro (€ 8,335) bħala kumpens għad-danni li sofra fuq il-vettura tas-servizz bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP-143, liema somma għandha titħallas entro sitt xhur mil-lum.**

**Finalment il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(2) u (3) tal-Kap. 65 billi tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) snin**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |